# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 100/2021 ISB**

**Star Image Limited (C 74851)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Star Image Limited (C 74851),** intavolat fit-23 ta' Novembru 2021, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(1) Tordna sabiex il-kumpanija Star Image Limited (C 74851) tiġi xolta u konsegwentment stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji; u*

*(2) Taħtar stralċjarju sabiex jieħu f'idejh il-proċess tal-istralċ tal-kumpanija rikorrenti ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u*

*(3) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhirilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur tal-artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (hawn msejjaħ bħala l-"Att") permezz ta' liema qiegħed jintalab l-istralċ tal-kumpanija rikorrenti wara risoluzzjoni straordinarja tal-istess kumpanija meħuda skont l-artikolu 214(1)(a) tal-Att.*

2. *Illi l-kumpanija rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilità limitata fit-18 ta' Marzu tal-2016 bin-numru uffiċjali C 74851 bl-għan prinċipali li tinnegozja u tieħu ħsieb propjetà intelletwali u drittijiet tal-immaġini, fost oħrajn (kopja tal-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni annessi bħala 'Dok SI');*

3. *Illi l-kumpanija rikorrenti kienet involuta fi proċeduri intavolati ġewwa l-Ġermanja mingħand PUMA International Sports Marketing B.V., kumpanija bin-numru ta' reġistrazzjoni Olandiż 56758510. Illi fis-6 t' April 2021, il-Higher Regional Court ġewwa Nuremberg, il-Ġermanja, iddeċidiet is-sentenza u kkundannat lill-kumpanija rikorrenti sabiex tħallas l-ammont ta' żewġ miljuni u seba' mitt elf Euro (€2,700,000) flimkien mal-imgħaxijiet.*

4. *Illi fil-mori tal-imsemmija proċeduri u insegwitu għal din id-deċijżoni, il-Board tad-Diretturi ħejja indaġini dwar il-qagħda finanzjarja u l-prospettivi futuri tal-kumpanija u wara li ttieħdu pariri legali u finanzjarji, kkonkludew li l-kumpanija ma kinitx f'qagħda finanzjarja tajba u kienet fl-aħjar interess tal-kredituri tagħha li tiġi xolta u konsegwentament stralċjata.*

5. *Illi għalhekk ttieħdet risoluzzjoni tal-Board tad-Diretturi fejn ssejħet laqgħa ġenerali straodrinarja tal-kumpanija ai termini tal-Artikoli 329A tal-Att (kopja annessa bħala 'Dok SI 1').*

6. *Illi sussegwentement tħejjiet il-laqgħa ġenerali straodrinarja tal-kumpanija fejn ġew meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha u konsegwentement ġie deċiż illi l-kumpanija għandha tiġi xolta u stralċjata permezz tal-Qorti (kopja tal-minuti tal-laqgħa anness bħala 'Dok SI 2').*

7. *Illi avviż ta' din ir-riżoluzzjoni ngħata mill-kumpanija rikorrenti lir-Reġistratu tal-Kumpannij ai termini tal-Artikolu 265 tal-Att (kopja annessa bħala 'Dok SI 3').*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok SI sa Dok SI3) (fol 5 sa fol 25).

Rat id-**digriet** tagħha tas-17 ta' Jannar 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 fil-12:15 p.m.

Rat ir-Rikors tas-soċjeta' **PUMA International Sports Marketting B.V. entitá estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Olanda kif debitament rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Antoine Cremona**, intavolat fit-8 ta' Frar 2022 (fol 28) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

*(i) Tawtorizza lil PUMA International Sports Marketing B.V. tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors għal stralċ fl-14 ta' Frar skont Artikolu 218(6) tal-Att dwar il-Kumpanniji; u/jew fl-alternattiv*

*(ii) Tilqa' r-rikors ta' Star Image Ltd u eventwalment tiddikjara li d-data li fiha għandha tkun meqjusa li ġiet xolta għandha tkun it-28 ta' Mejju 2021 u dan skont Regolament 4(1) tal-Companies Act (Suspension of Filing of Dissolution and Winding-Up) Regulations (LS 386.24)*

Rat id-**dokumenti** annessi mal-istess rikors (fol 32 sa fol 166).

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2022, dehru l-Avukat Nikol Caruana, l-Avukat Maria Debono u l-Avukat Thomas Bugeja għas-soċjeta' rikorrenti u l-Avukat Louis Cassar Pullicino u l-Avukat Louisa Cassar Pullicino għas-soċjeta' PUMA International Sports Marketing B.V.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2022, il-Qorti akkordat tlett ġimgħat żmien lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tirrispondi għar-rikors tas-soċjeta' PUMA International Sports Marketing B.V. intavolat fit-8 ta' Frar 2022.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti għar-rikors tas-soċjeta' PUMA International Sports Marketing B.V. tat-8 ta' Frar 2022, intavolata fis-7 ta' Marzu 2022 (fol 169).

Rat id-Digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 2022 (fol 174) li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet l-ewwel talba tas-soċjeta' PUMA International Sports Marketing B.V. u ċaħdet it-tieni talba.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2022 is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat nota (fol 178) b'affidavit ta' **Diego Luis Barrencos,** b'dokumenti annessi (Dok SI 4, fol 179 sa fol 184) u Dokument (Dok SI 5, fol 185) sabiex jissostitwixxi id-dokument immarkat Dok SI 3.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022 xehed **Diego Luis Barrencos** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dokumenti esebiti mis-soċjeta' PUMA International Sports Marketing B.V. (fol 220 sa fol 241).

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fis-16 ta' Frar 2023 (fol 242) li permezz tagħha ppreżentat numru ta' dokumenti mitluba lix-xhud Diego Luis Barrencos matul il-kontro-eżami tiegħu (fol 244 sa fol 293).

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u li kienu qegħdin jaqblu li l-Qorti tgħaddi għall-provvediment dwar ir-rikors promotur u għalhekk l-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta` rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi s-soċjeta` rikorrenti tgħid li ġiet kostitwita bħala kumpannija ta' responsabilita limitata fit-18 ta' Marzu 2016 bin-numru uffiċjali C 74851, bl-għan prinċipali li tinnegozja u tieħu ħsieb propjeta` intelletwali u drittijiet tal-immaġini.

Tgħid li kienet involuta fi proċeduri intavolati ġewwa l-Ġermanja minn PUMA International Sports Marketing B.V., kumpanija bin-numru ta' reġistrazzjoni Olandiż 56758510 quddiem il-*Higher Regional Court* ġewwa Nuremberg, li fis-6 t'April 2021 fis-sentenza tagħha kkundannat lill-kumpanija rikorrenti sabiex tħallas l-ammont ta' żewġ miljuni u seba' mitt elf Ewro (€2,700,000) flimkien mal-imgħaxijiet.

Tispjega li fil-mori u in segwitu għall-imsemmija proċeduri, il-Bord tad-Diretturi wettaq indaġini dwar il-qagħda finanzjarja u l-prospettivi futuri tal-kumpanija u wasal għall-konklużjoni li l-kumpanija ma kinitx f'qagħda finanzjarja tajba u kienet fl-aħjar interess tal-kredituri tagħha li tiġi xjolta u konsegwentament stralċjata.

Konsegwentament, ittieħdet riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi fejn ssejħet laqgħa ġenerali straodinarja tal-kumpanija ai termini tal-Artikolu 329A tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, f'liema laqgħa ġie deċiż illi l-kumpanija tiġi xjolta u stralċjata permezz tal-Qorti. Tgħid li avviż ta' dan ingħata lir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini tal-Artikolu 265 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjeta rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti:

- Kopja tal-Memorandum u Artikoli tal-Assoċjazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti Star Image Limited – il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

- Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Star Image Limited – il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Kopja tal-Minuti tal-laqgħa ġenerali straodinarja tal-Membri tas-soċjeta rikorrenti – Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom u tosserva partikolarment is-segwenti Riżoluzzjoni:

  > *It was unanimously resolved by extraordinary resolution of the sole shareholder of the Company in accordance with the Articles, that the Company is to be dissolved and would up by the Court.*

- Kopja tal-Formula B(1) sottomessa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji fit-23 ta' Novembru 2021 – Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Lista ta' ħaddiema freelance u ohrajn illi pprovdew servizzi lil Star Image u kemm tħallsu – Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Lista ta' plejers li kien rappreżentati minn Star Image – Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Lista ta' territorji differenti fejn Star Image tat is-servizzi tagħha - Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Lista ta' pagamenti urġenti mħallsa minn Star Image - Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Kopja tal-opinjoni legali u korrispondenza minn avukati Ġermaniżi fuq il-proċeduri bejn Puma u Star Image fil-qrati tal-Ġermanja - Il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

- Dettalji tal-kont bankarju fl-iStati Uniti.

Fl-affidavit tiegħu **Diego Luis Barrancos** jgħid li hu l-uniku direttur tas-soċjeta' rikorrenti Star Image Limited li qabel kienet reġistrata fl-indirizz *3rd Floor, 6, Market Street, Floriana* u li preżentalment m'għandhiex indirizz uffiċjali reġistrat.

Jikkonferma li hu ilu fil-kariga ta' direttur mill-1 ta' Jannar 2021 iżda kien involut fil-kumpanija ndirettament għax kien jaf numru ta' individwi involuti fil-kumpanija, u dana minħabba li kienu jiltaqgħu f'avvenimenti varji u jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom minħabba li kienu jaħdmu fl-istess industrija. Jgħid li kien jaf l-ideat li kellhom għall-kumpanija kif ukoll il-problemi li kienu qed jiffaċċjaw. Jgħid li kien mitlub jifforma parti mill-kumpanija diversi drabi.

Jispjega li Star Image kienet ġiet inkorporata bl-intenzjoni li toffri konsulenza, promozzjoni u servizzi maniġerjali l-aktar fil-qasam ta' *marketing* tal-isport u drittijiet ta' immaġini b'enfasi partikolari fuq is-suq Arġentinjan. Jgħid li f'dan il-qasam huwa komuni li jkun hemm kumpaniji li huma biss *postage stamp* mingħajr ebda support. Jgħid iżda li fil-każ tal-kumpanija rikorrenti l-intenzjoni kienet li jkun hemm operat sħiħ b'riżosi umani u amministrattivi u li topera kontijiet bankarji f'Malta.

Huwa jispjega illi mill-bidu tagħha fl-2016, Star Image irnexxielha tirbaħ kuntratti prominenti fir-rigward ta' immaniġjar tal-*brand*, *image* u żvilupp kummerċjali ta' diversi atleti, bħala ma hu Paulo Dybala (plejer tal-futbol) u Adolfo Cambiaso (plejer tal-*polo*). Jispjega li daħlet ukoll f'kuntratti ma' kumpaniji prominenti bħal PEPISCO Int, MONSTER SAMSUNG Italia, EA (Electronic Arts) u PANINI USA, fost oħrajn. Il-kumpanija kienet qed tikkonsidra wkoll linji ġodda ta' xogħol minħabba li kien hemm opportunitajiet diversi fis-settur relatati ma' *digital assets*. Dan huwa rifless fi *sponsorship agreements* konklużi ma diversi clubs, atleti u kumpaniji tal-blockchain. Jgħid li pajjiżi bħal Malta laqgħu dawn l-opportunitajiet meta bdew jirregolaw swieq ġodda relatati ma' Crypto currency u Blockchain.

Jispjega li fis-sena 2020, Star Image bdiet tesperjenza diffikultajiet finanzjarji minħabba l-effett globali tal-pandemija COVID-19 li wasslet għal nuqqas ta' bejgħ fis-settur sportiv. B'konsegwenza tal-pandemija ma kienx qed jintlab sports u d-dinja kienet iffukata fuq is-saħħa u l-ħsara tal-pandemija. B'hekk ma kienx hemm atleti x'wieħed jippromwovi. Jispjega li s-suq Arġentinjan intlaqgħat b'mod drastiku bil-konsegwenza li l-kumpanija għamlet xhur sħaħ wieqfa minkejja li xorta riedet tibqa taqdi l-obbligi finanzjarji tagħha.

Jgħid li l-kumpanija rikorrenti kient involuta f'kawża mibdija f'Ottubru 2018 fil-*High Court of Nuremburg* fil-Ġermanja - intavolata mis-soċjeta' PUMA International Sports Marketing B.V. li kienet tirrigwarda ksur tal-obbligi kontrattwali tal-plejer tal-futbol Paulo Dybala li jilbes żraben u ħwejjeġ tad-ditta Puma. Jispjega li l-kawża ġiet deċiża kontra s-soċjeta` rikorrenti fis-27 ta' Ġunju 2019, minn liema sentenza ġie intavolat appell, liema appell kkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-6 ta' April 2021 u kkundanna lis-soċjeta' rikorrenti tħallas l-ammont ta' tnejn punt sebgħa miljun Ewro (€2,700,000).

Jispjega li meta daħal fl-irwol ta' direttur f'Jannar tas-sena 2021 kien għad hemm prospetti posittivi u ċioe` l-irkupru tal-pandemija, li kienet tidher li ser tiġi fi tmiema bil-vaċċin u l-possibilita` li l-kawża tal-Ġermanja tiġi deċiża favur is-soċjeta' rikorrenti, liema prospett kien jinħass favorevoli.

Jgħid li l-ħsieb tiegħu kien li l-kumpanija terġa` tibda topera fil-qasam ta' *sports marketing* – drittijiet ta' immaġini tal-atleti u ċelebritajiet bl-iżvilupp ta' *Digital Assets*. F'dan ir-rigward kellu diversi laqgħat ma' Diego Soraires (marketing adviser) u riedu jiżviluppaw strateġija biex jattiraw klijenti ġodda u kuntratti ibbażati fuq l-esperjenza tas-soċjeta' innifisha u l-isfond regolatorju Malti.

Jispjega li minkejja dan, l-impatt negattiv tad-deċiżjoni tal-kawża fuq ċitata u l-effetti tal-pandemija waslu lill-kumpanija rikorrenti fi stat li ma setgħetx tkompli topera. Jgħid li għalhekk, anke wara numru ta' pariri li ttieħdu, l-aħjar soluzzjoni kienet li l-kumpanija tiġi xjolta u stralċjata.

Mistoqsi in kontro-eżami dwar l-involviment tiegħu qabel ma sar direttur fil-kumpanija, jgħid li kien jaf membri tal-kumpanija fuq bażi personali u kellu għarfien superfiċjali tal-istess. Jgħid li meta ġie offrut il-post ta' Direttur kien jaf aħjar is-sitwazzjoni tal-kumpanija. Jispjega li ma kienx jaf id-dettalji iżda kellu stampa tal-istess.

Mistoqsi r-raġuni għala l-kumpanija ma kellhiex indirizz reġistrat jgħid li wara li rriżenja l-aħħar segretarju, li kien jintuża l-indirizz tiegħu, il-kumpanija ma kellhiex indirizz ieħor. Jgħid li ma jafx jekk ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ġiex infurmat li ma setax jintuża aktar l-indirizz reġistrat preċedenti. Jikkonferma li l-indirizz uffiċjali reġistrat għadu l-istess u kien diġa` dak l-indirizz meta hu sar direttur.

Jikkonferma li l-aħħar *audited accounts* ġew sottomessi fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2018, liema dokumenti ġew sottomessi f'Settembru 2021. Jgħid li rapporti għas-snin ta' wara l-2018 ġew preparati iżda ma ġewx sottomessi u huwa minn hemm li jaf li l-kumpanija mhix f'qagħda li tħallas id-djun tagħha.

Jikkonferma li fl-2018, il-kumpanija kellha impjegat wieħed, mentri fl-2017 ma kellhiex impjegati. Jgħid li minn meta sar direttur hu ma jafx li kien hemm impjegati tal-kumpanija. Jispjega li kien hemm *freelance operatives* li kienu jippruvaw iġibu x-xogħol lill-kumpanija.

Fir-rigward tal-iżvilupp ta' *digital assets* jgħid li l-kumpanija riedet toħloq *digital platforms* sabiex tesplora dan id-dritt t'immaġini. Jgħid li dan l-operat qatt ma beda minħabba d-diffikultajiet finanzjarji li kellha l-kumpanija.

Mistoqsi dwar l-ottomiżmu dwar il-prospett li l-kumpanija tirbaħ il-kawża fil-Ġermanja, jgħid li dan ġie minn pariri tal-avukati kemm qabel u kemm wara d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Mistoqsi r-raġuni għalxiex ma kienx ittieħed kont tal-kawża tal-Puma bħala prospettiv fil-kontijiet annwali, jgħid li meta huwa assuma l-irwol ta' direttur u staqsa dwar dan, kien ingħata l-informazzjoni li ma kienx hemm il-ħtieġa.

Jispjega li fir-rigward tal-kuntratt ta' Paolo Dybala li ġie tterminat mill-plejer, kienu nfetħu proċeduri mill-kumpanija għall-ħlas ta' sittax -il miljun Ewro (€16,000,000) li ġew riżolti amikabilment bir-riżultat li Paolo Dybala kien ħallas wieħed punt tnejn miljun Ewro (€1,200,000). Jgħid li Paolo Dybala *trademark* ingħatat lura lill-istess plejer.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

### L-Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

**L-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*

*(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew krednituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fid-19 ta' Novembru 2021, DOK SI2, tagħmel referenza ampja u ċara għad-diffikultjiet li l-kumpannija de quo għandha biex tkompli topera, u tispjega b'mod ċar u inekwivoku l-motivazzjoni li wasslet lil kumpannija għal dik ir-rizoluzzjoni, u ċioe li l-*liabilities* tal-kumpanija li jeċċedu l-*assets* tagħha.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret għal ragunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija.

Oltre` minn hekk, la darba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubitha minn dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizulta lill-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Star Image Limited (C 74851)** tiġi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralċjata a bażi tal-artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dana b'effett mid-19 ta' Novembru 2021 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Star Image Limited (C 74851)** lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386;

b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun;

c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Star Image Limited (C 74851)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo;

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mis-soċjeta rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-<u>Riċevitur Uffiċjali</u> u lir-<u>Reġistratur tal-Kumpanniji</u>.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**